**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0334/2020**

6.10.2020

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħtieġa li jitneħħew is-sanzjonijiet fil-konfront tar-Repubblika Għarbija Sirjana

**Maximilian Krah, Lars Patrick Berg, Thierry Mariani**

**B9-0334/2020**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħtieġa li jitneħħew is-sanzjonijiet fil-konfront tar-Repubblika Għarbija Sirjana**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sanzjonijiet meħuda mill-Kunsill qed jaffettwaw lill-popolazzjoni Sirjana, li ilha ssofri minn gwerra ċivili terribbli għal aktar minn disa' snin;

B. billi l-implimentazzjoni tal-Att Caesar tal-Istati Uniti dwar il-Protezzjoni Ċivili fis-Sirja żżid it-tbatija tal-popolazzjoni ċivili;

C. billi t-Turkija qed tokkupa illegalment it-Tramuntana tas-Sirja, u dan wassal għal konsegwenzi umanitarji drammatiċi;

D. billi l-Libanu, pajjiż ġar, jinsab hu stess f'sitwazzjoni kritika ħafna;

E. billi dawn il-kundizzjonijiet ħorox imposti fuq il-popolazzjoni Sirjana probabbilment se jwasslu għal mewġa ġdida ta' emigrazzjoni lejn il-pajjiżi ġirien u lejn l-Unjoni Ewropea;

1. Jistieden lill-Kunsill jirrevoka s-sanzjonijiet tiegħu kontra r-Repubblika Għarbija Sirjana;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà / Viċi President tal-Kummissjoni għal Ewropa aktar b'Saħħitha fid-Dinja.

[1] ĠU L 168, 29.5.2020, p. 66.